MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2006

Numru 299/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**VS**

**RAYMOND SPITERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Spiteri, ta’ 48 sena, bin il-mejjet Carmel u Mary nee’ Calleja, imwieled tal-Pieta’ nhar l-24 ta’ Mejju, 1957, li joqghod fil-fond imsejjah L-Amandier, 49, Triq Patri Guze’ Delia, Balzan, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 380157 (M);

Akkuzat talli fi Frar, 2005 u fix-xhur u s-snin ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn Lm10,000.00 (ghaxart elef lira maltin), ghad-dannu ta' Salvu Cutajar, Maria Cutajar, Peter Cutajar, u Carmen Cutajar, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titiolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu, u dan bi ksur tal-Artikolu 18, 293, u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghal qliegh ta' aktar minn Lm10,000.00 ( ghaxar elef liri maltin), ghad-dannu ta' Salvu Cutajar, Maria Cutajar, Peter Cutajar, u Carmen Cutajar, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

c. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturki kellhom ikun fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, u dan bi ksur tal-Artikolu 18, 183, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 18, 183, 184, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Ir-reati in esami huma ta' gravita' kbira, u dawn ghandhom igibu maghhom piena ta' prigunerija effettiva. Madankollu, il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena, u wara li rat il-fedina penali netta tal-imputat, l-istqarrija tieghu, u wara li semghet lill-Ufficcjal Prosekutur jispjega li l-imputat ikkopera maghhom fl-investigazzjoni, il-Qorti hi tal-fehma li l-imputat ghalhekk ghandu jibbenifika minn riduzzjoni fil-piena, biex din issir wahda ta' prigunerija u mhux effettiva.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, din il-Qorti qiegheda sssib lill-imsemmi mputat Raymond Spiteri hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2), sospizi ghal erba' (4) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------